MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 402/2004

**Roger Degiorgio**
***versus***
**Il-Kummissarju tal-Pulizija; id-Direttur tad-Dipartiment ta’ l-Ambjent flimkien mac-*chairman* tal-*Malta Environment and Planning Authority*; ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali; u b’dikriet tat-23 ta’ Novembru 2006 issejħu fil-kawża d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, il-Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura; u l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent**

L-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta ħwejjeġ proprjetà tiegħu nqabdu mill-pulizija u nqerdu waqt li kienu miżmuma mill-pulizija jew taħt l-awtorità tal-qorti.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-pulizija kienet għamlet tfittxija fid-dar tal-attur u, meta kien mgħarraf b’dan il-maġistrat tal-għassa, dan ħatar esperti u ordna illi jittieħdu ritratti, iżda ma ta ebda setgħa li jittieħdu ħwejjeġ mill-fond. Minkejja dan, ittieħdu xi ġlud u għasafar ibbalzmati mid-dar tal-attur u tqiegħdu f’*garage* il-Floriana. L-espert maħtur mill-qorti

kien qal illi l-ġlud u l-għasafar kienu jiswew disat elf, sitt mija u erbgħa u disgħin lira (Lm9,694), daqs tnejn u għoxrin elf, ħames mija u tmenin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€22,580.95).

B'sentenza mogħtija fil-5 t'Awissu 2004[1] il-Qorti tal-Appell Kriminali (wara appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Frar 2002) ħassret dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata "il-konfiska tal-eżemplari kollha illi ġew elevati mill-fond tal-imputat (illum attur) favur il-Gvern ta' Malta" u minflok ordnat biss "il-konfiska tal-eżemplari li huma milquta bis-sejbien ta' ħtija", li kienu sitt iġlud (*ursus americanus*) u *pigmy cormorant*.

Dawn il-ġlud u għasafar kienu ttieħdu fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija, il-Floriana, u, wara, fl-uffiċċju tal-esebiti fil-bini tal-qorti, taħt l-awtorità tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. Meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat illi jintraddu lill-attur instab illi l-biċċa l-kbira kienet saritilha ħafna ħsara. L-attur ħadhom fl-istat li kienu u espert imqabbad mill-attur qal illi l-ħsara kienet ta' elf, tliet mija u sebgħa u disgħin lira (Lm1,397), daqs tlitt elef, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u tlittax-il ċenteżmu (€3,254.13). Barra minn hekk, *freezer* li wkoll kienet ittieħdet mingħand l-attur u ma ngħatatlux lura għax inqerdet kienet tiswa erba' mitt lira (Lm400), daqs disa' mija u wieħed u tletin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€931.74).

Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jagħmlu tajjeb għal dan it-telf, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur meta, bla ma kellhom is-setgħa taħt il-liġi, ħadulu l-għasafar u l-ġlud kif ukoll il-*freezer* imsemmija fuq;

2. tillikwida d-danni fis-somma ta' ħdax-il elf, erba' mija u wieħed u disgħin lira (Lm11,491) – daqs sitta u għoxrin elf, seba' mija u sitta u sittin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€26,766.83) – li huwa t-total tat-tliet ċifri msemmija fuq; u

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsuh id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittri uffiċjali tat-18 ta' Novembru 1997,

---

1 *Recte* 2003.

tal-15 ta' Ġunju 1999, tat-8 ta' Ġunju 2001 u tat-8 ta' Mejju 2003, u l-imgħaxijiet minn dakinhar tan-notifika taċ-ċitazzjoni sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. safejn it-talbiet għal danni huma mibnija fuq allegazzjoni ta' elevazzjoni mhux awtorizzata ta' ħwejjeġ l-attur magħmula mill-eċċipjent, dawn it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għax l-eċċipjent għandu s-setgħa *ex lege* li jiġbor xiehda fuq suspett ta' ksur tal-liġi;
2. l-attur ma għandux interess ġuridiku li jmexxi b'din il-kawża fuq il-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ billi dawn, ħlief għall-ġlud ta' *lupus latrans*, ġew konfiskati favur il-gvern bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 t'Awissu 2004[2] u issa saru proprjetà tal-gvern;
3. it-tajr kollu ġie konfiskat bis-saħħa tas-sentenza msemmija billi l-attur instab ħati tal-ħames imputazzjoni[3] talli żamm tjur mingħajr il-permessi meħtieġa u għalhekk il-qorti ordnat "il-konfiska tal-eżemplari <u>kollha</u> li huma milquta bis-sejbien ta' ħtija"[4];
4. għalhekk huma biss il-ġlud ta' *lupus latrans* li ma ntlaqtux bis-sentenza;
5. skond xiehda mogħtija mill-attur innifsu u mix-xhud Carmen Attard, imressqa minnu, il-ġlud kollha tal-mammiferi jiswew mitejn lira (Lm200), daqs erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87);
6. billi l-ġlud ta' *lupus latrans* kienu biss parti mill-ġlud tal-mammiferi, l-attur ma jistax jitlob aktar mill-parti relativa tas-somma ta' mitejn lira (Lm200);
7. ir-rapport li l-ħsara kienet ta' elf, tliet mija u sebgħa u disgħin lira (Lm1,397), daqs tlitt elef, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u tlittax-il ċenteżmu (€3,254.13), kien rapport ta' espert *ex parte* u huwa kontestat mill-eċċipjent;

---

2 *Recte* 2003.

3 "talli … … …kellu fil-pussess tiegħu għasafar … … … mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-ministru responsabbli għall-ambjent, u dan bi ksur tar-regolament 24(1) tal-Avviż Legali 146/1993".

4 Il-kelma "kollha" ma tidhirx fis-silta meħuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

8. l-eċċipjent ma jweġibx għall-għemil tal-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Ambjent u għalhekk l-allegazzjoni tal-attur li kienu dawk il-ħaddiema li tfew il-*freezer* ma tolqotx lill-eċċipjent li ma jweġibx għall-ħsara li setgħet seħħet minħabba f'hekk;
9. għandu jiġi mehmuż il-proċess verbal sħiħ tal-inkjesta li saret dwar is-sejba ta' għasafar u annimali ibbalzmati; u
10. l-eċċipjent mexa *in bona fide* fil-parametri tad-dmirijiet tiegħu.

L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. iċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax qabel ma ġiet preżentata ma sar ebda att ġudizzjarju kontra l-awtorità eċċipjenti;
2. it-talbiet safejn magħmula kontra l-awtorità saru ħażin għax l-awtorità ma hijiex is-suċċessur tad-Dipartiment tal-Ambjent, u ma kinitx l-awtorità responsabbli mill-ambjent meta l-attur igħid li ġarrab danni; u
3. l-awtorità qatt ma kellha f'idejha l-ħwejjeġ imsemmija fiċ-ċitazzjoni .

Il-konvenut Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attur ma għandu ebda interess ġuridiku li jmexxi bl-azzjoni għax l-għasafar li jgħid li nqerdu ma humiex proprjetà tiegħu iżda proprjetà tal-gvern wara li ġew konfiskati bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 t'Awissu 2003;
2. l-eċċipjent ma jaħtix għall-ħsarat għax ma kienx hu li għamel dak li l-attur igħid illi wassal għall-ħsara, u għax il-ħwejjeġ ġà kienu fi stat ħażin meta waslu f'idejh;
3. l-eċċipjent qeda d-dmirijiet tiegħu bil-għaqal kif trid il-liġi, skond l-aħjar kapaċità u mezzi tiegħu u fil-parametri tad-dmirijiet tiegħu;
4. jekk hemm xi ħtija tal-eċċipjent, din hija biss dwar il-ħamsa u erbgħin (45) eżibit depożitat taħt l-awtorità tal-qorti; u
5. id-danni mitluba mill-attur huma wisq u ma jirriflettux id-danni li tassew ġarrab.

B'dikriet tat-23 ta' Novembru 2006 fuq talba tal-attur li għaliha ma saritx oppożizzjoni ssejħu fil-kawża d-Direttur

Ġenerali tax-Xogħlijiet, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura, u l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u l-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni saret ħażin kontra l-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, skond l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. safejn magħmula kontra l-eċċipjenti l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-artt. 2153 u 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili – din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Frar 2008;

3. l-eċċipjenti la kienu huma li elevaw il-ħwejjeġ imsemmija fiċ-ċitazzjoni u lanqas kellhom dawk il-ħwejjeġ f'idejhom; u

4. għalhekk l-eċċipjenti ma jwieġbu għal ebda dannu li ġarrab l-attur.

Il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni safejn magħmula kontra tiegħu waqgħet bi preskrizzjoni – din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Frar 2008;

2. l-eċċipjent ma huwiex kontradittur leġittimu għax il-ħwejjeġ li dwarhom saret il-kawża qatt ma kienu f'idejh waħdu;

3. ir-relazzjoni tal-espert imqabbad mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma tiswiex għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' danni ċivili; u

4. l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni huwa wisq.

Nibdew billi nqisu l-eċċezzjonijiet ta' dawk fost il-konvenuti li jgħidu illi kienu mħarrka ħażin u għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju. Il-materja hija regolata bl-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

Għall-gvern, għalhekk, jidher il-kap tad-dipartiment li jkun, u mhux il-ministru. Mela l-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kienu mħarrka ħażin, u l-qorti teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar ukoll ressqet l-eċċezzjoni illi kienet imħarrka ħażin għax ma hijiex is-suċċessur tad-Dipartiment tal-Ambjent, u ma kinitx l-awtorità responsabbli mill-ambjent meta l-attur igħid li ġarrab danni.

Min-nota tal-attur tat-3 ta' Mejju 2005[5] jidher ċar illi l-awtorità, kif ukoll id-Direttur tad-Dipartiment tal-Ambjent fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-istess awtorità, kienu mħarrka bħala suċċessur tad-Dipartiment tal-Ambjent, dipartiment tal-gvern li ġie soppress. Għalkemm huwa minnu illi kienet l-awtorità konvenuta li nħatret taħt l-art. 6(1) tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent [Kap. 435] bħala l-awtorità kompetenti għall-għanijiet ta' dak l-Att, il-liġi ma tipprovdix illi l-awtorità wirtet l-obbligazzjonijiet tad-dipartiment tal-gvern li, qabel, kien responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent.

Għal din ir-raġuni l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar kif ukoll id-Direttur tad-Dipartiment tal-Ambjent fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-istess awtorità kienu mħarrka ħażin, u l-qorti teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tat-talbiet. Il-fatti seħħew hekk:

Fit-18 t'Awissu 1987 il-pulizija għamlet tfittxija fi proprjetà tal-attur fil-Mosta u sabet kwantità ta' għasafar ibbalzmati u immontati, ġlud ta' għasafar u mammiferi, u *freezer* li fih kien hemm għasafar oħra. Billi l-pulizija kellha suspett illi dawn kienu illegali, qabdithom u ħadithom biex jinżammu f'maħżen il-Floriana. Dwar dan, il-Maġistrat Inkwirenti qal hekk fil-proċess verbal tal-inkjesta:

… … … il-Maġistrat Inkwirenti jħoss li għandu jirrimarka li l-elevazzjoni u t-teħid u *storjar* [*rectius*, ħażna] imsemmi qatt ma kien imissu sar qabel ma huwa kien ġie mitlub jawtorizza l-istess, liema elevazzjoni għalhekk saret mingħajr ma hu kien informat biha. Kien ikun aktar prudenti u serju li kieku dak il-*freezer* jew *freezers* ġew siġillati tajjeb u tħallew fil-fond fejn instabu milli dawn ittieħdu f'post ieħor kif għamlet il-pulizija.[6] … … … [I]s-sottofirmat iħoss li l-pulizija aġixxew arbitrarjament meta

[5] *Fol*. 147.

[6] *Fol*. 11.

elevaw u ġarrew kif intqal mingħajr ma l-ewwel infurmawh u kisbu l-awtorizzazzjoni tiegħu.[7]

Ġara illi waqt illi l-ħwejjeġ maqbuda kienu qegħdin jinżammu fil-maħżen fil-Floriana inqata' d-dawl u l-*freezer* ma baqax jaħdem u kull ma kien hemm fil-*freezer* inqered. Għal raġunijiet ta' saħħa l-*freezer* ukoll kellu jinqered. Il-Maġistrat Inkwirenti kien mgħarraf b'dan b'rapport tal-5 ta' Novembru 1997.

Imbagħad, fis-17 ta' Novembru 1997, l-attur ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

(1) talli fil-Mosta fit-18 t'Awissu 1997 u matul dawn l-aħħar xhur f'ħinijiet differenti bbalzma jew immonta xi għasafar jew animali oħra jew għamilha ta' blazmatur, kemm għal skopijiet kummerċjali kemm għal skopijiet personali, jew kellu fil-pussess tiegħu għodda, kimika jew apparat ieħor li jintuza jew li soltu jintuża għall-ibbalzmar, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Avviż Legali 23/97 (reg. 6);

(2) talli fl-istess data, lok u ħin ibbalzma jew immonta għasafar li m'humiex imsemmija fl-iskedi I, II, III li jinsabu fl-Avviż Legali 146/93 kif ukoll hekk kif emendati bl-Avviż Legali 45/1996 (para 5, 6);

(3) talli fl-istess data, ħin, u lok ma żammx reġistru li fih għandu jitniżżel ċar ħdejn id-data tad-dħul sid kull għasfur jew għasafar, l-indirizz tiegħu u n-numru tal-karta tal-identità u t-tip ta' speċi ta' għasfur jew għasafar li għandu jibbalzma, liema dettalji għandhom ikunu kontrosenjati mill-istess sid, u dan bi ksur tar-regolament 17(3)(4) tal-Avviż Legali 146/93;

(4) talli fl-imsemmija data, ħin u lok kellu fil-pussess tiegħu għasfur, u ċioè *Pygmy Cormorant* (*Phalacrocorax pygmeus*) ħaj jew mejjet, jew parti minn xi għasfur li mhux inkluż fl-iskeda I, II jew III u dan bi ksur tar-regolament 12 tal-Avviż Legali 146/93 hekk kif emendat bl-Avviż Legali 45/93, regolamenti 5 u 6;

(5) talli fl-imsemmija data, ħin u lok żamm fil-pussess tiegħu għasafar għal kull skop xjentifiku, veterinarju jew għan ieħor bħal dan jew għar-raġunijiet ta' saħħa pubblika jew sigurezza pubblika mingħajr l-awtorizazzjoni tal-

[7] *Fol*. 12.

ministru responsabbli għall-ambjent, u dan bi ksur tal-regolament 24(1) tal-Avviż Legali 146/93;
(6) talli fl-imsemmija data, ħin u lok kellu fil-pussess tiegħu kwantità ta' xi eżemplari inklużi fit-tieni skeda tal-Avviż Legali 19/92 kif ukoll kif emendat bl-Avviż Legali 22/95, u ċioè '*wolf*' (*canis lupus*) u '*bear'* (*ursidæ species*) li l-importazzjoni tagħhom taqa' taht dawn ir-regolamenti, mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu u għaż-żmien kollu li dawn l-eżemplari kienu fil-pussess tiegħu kull permess, ċertifikat jew liċenzja li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-eżemplari;
(7) talli fl-istess data, lok, u ħin kellu fil-pussess tiegħu eżemplari ta' speċi u ċioè` '*Weasel'* (*mustela nivalis*) li jidhru fl-iskeda 2 tar-regolamenti 49/93 bi ksur tal-artiklu 5(3);
(8) talli fl-istess data, lok u ħin kellu fil-pussess tiegħu arma regolari u ċioè *air rifle* tal-arma .22 tal-għamla *Remington* bla numru mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u
(9) fl-ahharnett talli huwa reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fid-29 ta' April, 1994.
B'sentenza tas-26 ta' Frar 2002 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-attur ħati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjoni, ikkundannatu multa ta' ħames mitt lira (Lm500) u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja, permess jew awtorità għal żmien sena; dik il-qorti, però, illiberatu mill-imputazzjoni numru 8; fl-aħħarnett dik il-qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-eżemplari kollha elevati mill-fond tal-attur.
L-attur appella minn din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-5 t'Awissu 2003 iddeċidiet hekk:
tirriforma s-sentenza appellata billi: (a) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond it-tieni, it-tielet u s-seba' imputazzjoni, u minflok tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet; (b) tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' ħames mitt lira u minflok tikkundannah multa erba' mitt lira (Lm400), konvertibbli fi tmenin (80) ġurnata priġunerija f'każ ta' nuqqas ta' pagament skond il-liġi; (ċ) tħassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ġiet ordnata "il-konfiska tal-eżemplari kollha illi ġew elevati mill-fond tal-imputat

favur il-Gvern ta' Malta", u minflok tordna biss il-konfiska tal-eżemplari li huma milquta bis-sejbien ta' ħtija kif qed jigi dikjarat jew konfermat b'din is-sentenza; u (d) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-attur għalhekk instab ħati tal-ewwel, ir-raba', il-ħames, is-sitt u d-disa' imputazzjoni.

Waqt illi kienu għaddejjin dawn il-proċeduri l-għasafar ibbalzmati u immontati li l-pulizija kienet ħadet mid-dar tal-attur tħallew f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. Wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, dawn l-għasafar ingħataw lura lill-attur. Iżda, billi ma kinux inżammew sew waqt li kienu f'idejn ir-reġistratur, saritilhom ħafna ħsara.

Ngħaddu issa għall-kawża tallum.

Billi f'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għall-ħsara li jgħid li saret fi ħwejġu, jinħtieġ qabel xejn illi naraw jekk il-ħwejjeġ li saritilhom ħsara kinux tassew ħwejġu jew, billi kienu konfiskati, kinux tal-Gvern ta' Malta. Dan l-eżemi jrid isir dwar (1) l-għasafar ibbalzmati, (2) il-karkassi ta' għasafar fil-*freezer*, (3) il-ġlud tal-mammiferi u (4) il-*freezer*.

<u>Dwar l-għasafar ibbalzmati</u>

Għalkemm l-attur instab ħati, taħt l-ewwel imputazzjoni, illi ibbalzbma jew immonta xi għasafar, ma nstabx ukoll ħati, taħt it-tieni imputazzjoni, illi ibbalzma jew immonta wkoll xi għasafar protetti. Instab ukoll ħati, taħt il-ħames imputazzjoni, li kellu fil-pussess tiegħu għasafar mingħajr l-awtorizzazjoni meħtieġa, iżda dan is-sejbien ta' ħtija ma jolqotx ukoll l-għasafar ibbalzmati għax kien għadu fil-waqt li jirregolarizza l-pussess tal-għasafar ibbalzmati taħt id-dispożizzjonijiet tar-reg. 17(5) tal-Avviż Legali 146 tal-1993, li jgħid hekk:

**17.** (5) Kull min għandu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom ma tidhirx fl-iskedi I, II jew III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti għandu fi żmien sena mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jiddikjarahom lid-Dipartiment u jingħata permess mill-istess Dipartiment biex iżommhom.

Kien għalhekk illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet illi l-attur "ma setax jinstab ħati … … … għal dak li jirrigwarda l-għasafar ibbalzmati". Kien ukoll għalhekk illi dawn l-għasafar intraddew lill-attur, għalkemm fi stat ħażin.

Billi l-attur ma nstabx ħati dwar dawn l-għasafar ibbalzmati, ma ntlaqtux mill-konfiska u għalhekk baqgħu proprjetà tiegħu u għandu interess leġittimu li jitlob kumpens għad-danni li ġarrbu. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku dwar dawn l-għasafar hija għalhekk miċħuda.

Ukoll, billi l-ħsara saret waqt illi l-għasafar kienu esebiti f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, huwa dan li għandu jwieġeb għad-danni.

Illum l-għasafar inqerdu u għalhekk il-qorti ma tistax taħtar perit biex igħid kemm jiswew. Madankollu, il-qorti hija tal-fehma illi tista' toqgħod fuq l-istima magħmula mill-espert imressaq *ex parte* mill-attur stess billi dan l-espert huwa kwalifiikat f'din il-materja. Skond l-istima[8] magħmula mill-espert il-ħsara fl-għasafar ibbalzmati kienet ta' elf, tliet mija u sebgħa u disgħin lira (Lm1,397.00), daqs tlitt elef, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u tlittax-il ċenteżmu (€3,254.13).

Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni fl-għasafar ibbalzmati u immontati, li għandu jagħmel tajjeb għalihom ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, fis-somma ta' tlitt elef, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u tlittax-il ċenteżmu (€3,254.13).

<u>Dwar il-karkassi tal-għasafar fil-*freezer*</u>

Il-pożizzjoni hija differenti fil-każ tal-karkassi tal-għasafar li nqerdu meta ntefa' l-*freezer* li fih kienu qegħdin jinżammu. Dawn intlaqtu bil-konfiska għax l-attur instab ħati taħt il-ħames imputazzjoni li żamm għasafar mingħajr il-permessi meħtieġa, u l-"amnestija" mogħtija taħt ir-reg. 17(5) tal-Avviż Legali 146 tal-1993 kienet tolqot biss għasafar ibbalzmati u mhux ukoll il-karkassi li ma kinux ġà ibbalzmati.

Dwar dawn il-karkassi, għalhekk, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku għandha tintlaqa'.

<u>Dwar il-ġlud tal-mammiferi</u>

L-attur instab ħati, taħt is-sitt imputazzjoni, dwar il-ġlud ta' *ursidæ species* iżda mhux ukoll dawk ta' *canis lupus* għax il-ġlud li l-pulizija ħasbu li kienu *canis lupus* fil-fatt ma kienu *canis lupus* xejn iżda *canis latrans*. Ukoll, ma nstabx ħati, taħt is-sitt imputazzjoni, dwar il-ġlud ta'

8 *Foll.* 60 *et seqq.*

*mustela nivalis* jew *weasel*. Din tal-aħħar, iżda, ma jidhirx li ġarrbet ħsara[9].
Jidher għalhekk illi l-attur għandu interess ġuridiku li jfittex biss dwar il-ġlud ta' *canis lupus*, jew, aħjar, ta' *canis latrans*, li minnhom b'kollox kien hemm ħamsa (5). Ma nġibitx prova dwar kemm dawn kienu jiswew u għalhekk il-qorti *arbitrio boni viri* tistmahom li jiswex b'kollox mitt euro (€100).
Ukoll, ma nġibitx prova illi dawn il-ġlud kienu esebiti f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, u għalhekk jidher li baqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-pulizija u huwa l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li għandu jwieġeb għal dawn id-danni.
<u>Dwar il-*freezer*</u>
Fadal li nqisu l-*freezer.*
L-attur xehed illi dan il-*freezer*, li jgħid li kien jiswa erba' mitt lira (Lm400), jew disa' mija u wieħed u tletin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€931.75), kien magħmul apposta biex iżomm il-karkassi tal-għasafar fi stat li jkunu jistgħu jiġu ibbalzmati wkoll wara ħafna snin[10]. Għalhekk dan il-*freezer* jista' jitqies "apparat … … … li jintuza jew li soltu jintuża għall-ibbalzmar", li dwar il-pussess tiegħu l-attur instab ħati taħt l-ewwel imputazzjoni.
Madankollu, il-konfiska kienet tolqot "l-eżemplari" u mhux ukoll l-apparat, u għalhekk l-attur għad għandu interess ġuridiku biex ifittex għad-danni dwar il-*freezer*. Dan il-*freezer* inqered qabel il-5 ta' Novembru 1997, u għalhekk qabel ma l-attur kien mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għal din ir-raġuni ma ġiex esebit f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, u baqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissarju tal-Pulizija; għalhekk huwa dan tal-aħħar li għandu jwieġeb għall-ħsara. Il-fatt illi l-Kummissarju tal-Pulizija iddelega lil terzi biex iżommu l-*freezer* ma jeħilsux mill-ħsara quddiem l-attur.
Għalkemm l-attur ma ressaqx riċevuti jew dokumenti oħra li juru kemm kien jiswa l-*freezer*, il-valur indikat minnu taħt ġurament jidher raġonevoli. Madankollu, billi l-*freezer* meta nqered ma kienx ġdid, ma jistax jitqies li baqa' jiswa

9 Ara r-rapport ta' Natalino Fenech, *item* 49, *fol*. 62.

10 Ara x-xiehda tal-attur fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2006, *fol*. 192.

daqs meta nxtara. Il-qorti għalhekk *arbitrio boni viri* tillikwida l-valur tiegħu fis-somma ta' sitt mitt euro (€600).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. teħles lill-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Ambjent fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-istess awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju;
2. tiċħad it-talbiet safejn magħmula kontra d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet;
3. tgħid illi l-konvenut Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali għandu jwieġeb għall-ħsara li saret fl-għasafar ibbalzmati, li hija likwidata fis-somma ta' tlitt elef, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u tlittax-il ċenteżmu (€3,254.13), u għalhekk tikkundanna lill-istess reġistratur iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar tan-notifika taċ-ċitazzjoni;
4. tgħid illi l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija għandu jwieġeb għall-ħsara li saret fil-ġlud ta' *canis latrans*, li hija likwidata fis-somma ta' mitt euro (€100), u għall-ħsara fil-*freezer*, li hija likwidata fis-somma ta' sitt mitt euro (€600), u għalhekk tikkundanna lill-istess kummissarju iħallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt euro (€700) flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar tan-notifika taċ-ċitazzjoni.

L-ispejjeż tal-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, tal-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Ambjent fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-istess awtorità, u tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet għandu jħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn għandu jħallashom nofs (½) l-attur, sehem minn erbgħa (¼) r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u sehem minn erbgħa (¼) l-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------